Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,835, 3 ta' Settembru, 1999
Taqsima B

A.L. 153 ta' l-1999

ATT TA' L-EDUKAZZJONI

(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1999 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għad-Diploma in Probation Services

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' 1999 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għad-Diploma in Probation Services u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għad-Diploma in Probation Services, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1999 jew wara.

Emenda għall-paragrafu (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(a) taqsimiet studju u xogħol prattiku, li għalihom mhux anqas minn 25 kredtu huma assenjati; u"

Żieda ta' paragrafu (3) mar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

4. Wara l-paragrafu (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Il-Bord ta' l-Istudji għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju. Il-katalgu għandu jindika l-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, liema taqsimiet studju huma obbligatorji, liema għandhom jittieħdu flimkien jew meħtieġa jittieħdu qabel taqsimiet studju oħra, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippublika l-katalgu qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat."

Emenda għall-paragrafi (2) u (3) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafi (2) u (3) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-istudenti jitħallew jagħmlu l-eżami finali komprensiv biss jekk ikunu kisbu mhux anqas minn 25 kredtu, inklużi l-kredti għat-taqsimiet studju ndikati bħala obbligatorji.

(3) Jekk ir-riżultati ta' xi taqsima studju jew tax-xogħol prattiku ma jkunux ħarġu meta jkun se jsir l-eżami finali komprensiv, l-istudenti jistgħu jitħallew jagħmlu l-eżami bil-kundizzjoni li l-eżami jkun validu biss jekk il-kredti meħtieġa jinkisbu."